

diplomi ta' edukazzjoni oġhla mogħtija mal-kompletar tal-edukazzjoni u t-taħriġ professjonali ta' mill-inqas tliet snin (ĠU L 19, p. 16) għal dak li jikkonċerna l-professjoni ta' spiżjar speċjalizzat fil-bioloġija medika.

Dispożittiv

- 1) Billi ma adottatx il-miżuri neċessarji sabiex tittrasponi d-Direttiva tal-Kunsill 89/48/KEE, tal-21 ta' Diċembru 1988, dwar sistema ġenerali għar-rikonoxximent ta' diplomi ta' edukazzjoni oġhla mogħtija mal-kompletar tal-edukazzjoni u t-taħriġ professjonali ta' mill-inqas tliet snin, kif emendata bid-Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill 2001/19/KE, għal dak li jikkonċerna l-professjoni ta' spiżjar speċjalizzat fil-bioloġija medika, ir-Repubblika Portugiża naqset milli twettaq l-obbligi tagħha taħt l-imsemmija direttiva.
- 2) Ir-Repubblika Portugiża hija kkundannata għall-ispejjeż.

Digriet tal-Qorti tal-Ġustizzja (Is-Sitt Awla) tal-11 ta' Lulju 2008 — Proċeduri kriminali kontra Babanov

(Kawża C-207/08)

“L-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 104(3) tar-Regoli tal-Proċedura — Agrikoltura — Moviment liberu tal-merkanzija — Leġislazzjoni nazzjonali li tipprojbixxi l-kultivazzjoni ta' kull tip ta' qanneb”

1. *Agrikoltura — Organizzazzjoni komuni tas-swieq — Kittien u qanneb (Regolament tal-Kunsill Nru 1782/2003, Premessa 27 u Artikolu 52) (ara l-punti 24-32 u d-dispożittiv 1)*

2. *Dritt Komunitarju — Effett dirett — Supremazija — Leġislazzjoni Komunitarja li tirregola l-kultivazzjoni tal-qanneb intiż għall-produzzjoni tal-fibra (Artikolu 10 KE) (ara l-punti 34-36 u d-dispożittiv 2)*

Suġġett

Talba għal deċiżjoni preliminari — Panevèzio Apygardos Teismas — Kompatibbiltà mad-dritt tal-Unjoni ta' leġislazzjoni nazzjonali li tipprovdi għal responsabbiltà kriminali għall-kultivazzjoni ta' kull tip ta' qanneb — Possibbiltà għal qorti li tapplika l-leġislazzjoni nazzjonali meta l-kontenut ta' sustanzi attivi tal-qanneb ma jaqbiżx ċertu limitu.

Dispożittiv

- 1) Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1782/2003, tad-29 ta' Settembru 2003, li jistabbilixxi regoli komuni għal skemi diretti ta' appoġġ fi ħdan il-politika agrikola komuni u li jistabbilixxi ċerti skemi ta' appoġġ għall-bdiewa u li jemenda r-Regolamenti (KEE) Nru 2019/93, (KE) Nru 1452/2001, (KE) Nru 1453/2001, (KE) Nru 1454/2001, (KE) Nru 1868/94, (KE) Nru 1251/1999, (KE) Nru 1254/1999, (KE) Nru 1673/2000, (KE) Nru 2358/71 u (KE) Nru 2529/2001, għandu jiġi interpretat fis-sens li jipprekludi leġislazzjoni nazzjonali li għandha bħala effett li tipprojbixxi l-kultivazzjoni u ż-żamma ta' qanneb intiż għall-produzzjoni tal-fibra skont l-imsemmi regolament.
- 2) Id-dritt Komunitarju jipprekludi li qorti ta' Stat Membru tapplika leġislazzjoni nazzjonali li, bi ksur tar-Regolament Nru 1782/2003, għandha bħala effett li tipprojbixxi l-kultivazzjoni u ż-żamma ta' qanneb intiż għall-produzzjoni tal-fibra skont l-imsemmi regolament.